MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2013

Avviz Numru. 374/2012

**J.C.R. Limited (C6029)**

**vs**

**Victor Fenech u martu Margaret Feneck Bickle**
**u Christopher Aquilina u martu Caroline Aquilina**
**ezercenti l-kummerc that l-isem "VACF"**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjeta' attrici fir-Registru ta' din il-Qorti nhar il-5 ta' Novembru 2012 fejn talbet lil Qorti tikkundanna lill-konvenuti ihallsuha s-somma kumplessiva ta' erbat elef, mija u ghaxar ewro u erbgha u tmenin centesmu (€4,110.84) rapprezentanti in kwantu ghal tlett elef, seba' mija u sitta u sittin ewro u sitta u sebghin centesmi (€3,766.76) bilanc ta' prezz ta' *building finishes materials* lilhom mibjugha u konsenjati u in kwantu ghas-somma ta' tlett mija u erbgha u erbghin ewro u tmenin

centesmu (€344.08) imghax li ddekorra fuq l-ammont dovut komputat sal-31 ta' Ottubru 2012.

Bl-ispejjez inlkuz dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment u bl-imghax ulterjuri b'effett mill-31 ta' Ottubru 2012 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenuti li huma ingunti in subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti huma notifikati skond il-ligi bir-rikors promotur u dan skond ir-riferti tal-purtier Saviour Falzon fil-konfront ta' Victor Fenech datat 30 ta' Novembru 2012 u fil-konfront tal-konjugi Aquilina datat 17 ta' Novembru 2012 li jinsabu inseriti fl-atti a fol. 4 tergo tal-process.

Rat illi fis-seduta tal-24 ta' April 2013 is-socjeta' attrici ipprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenuti.

Rat illi fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2013 il-konvenuti ma dehrux biex jikkontestaw t-talba rikorrenti u lanqas biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tieghu tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti ihallsu in solidum bejniethom lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef, mija u ghaxar ewro u erbgha u tmenin centesmu (€4,110.84) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors.**

**Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment u bl-imghax mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------